KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 27/7/194/17

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 27

*L-Erbgħa 29 ta' Marzu 2017*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar **l-Erbgħa 29 ta' Marzu 2017**. Il-laqgħa bdiet fil-5.35pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku* |
| | Steven Axisa-*Viċi Sindku* |
| | Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| | Bernard Sean Lynch-*Kunsillier* |
| | Nicholas Seychell-Kunsillier |
| | Tyrone Muscat-Kunsillier |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kien irċieva ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Seychell però dan kien qed jattendi għal-laqgħa. Huwa kompla billi ippreżenta ittra ta' apoloġija wkoll mingħand il-Kunsillier Bartolo. Il-membri qablu li huwa ikun skużat.

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr.26. ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar punt 7.2 il-Kunsillier Lynch xtaq jiċċara li kollox kien iċċarat mas-Sindku u kien instab ftehim.

2.3. Dwar punt 12.1 is-Sindku informa lil membri illi b'rabta ma' dan il-punt kien qed jipproponi li tintbagħat ittra ta' avviż lil kuntratturi tal-ġbir ta' skart u anke tal-knis sabiex fi żmien xahar jirranġaw l-operat tagħhom sabiex ikun jaqbel ma dak li hemm miktub fit-tender speċjalment b'rabta mal-ħin tal-ġbir ta' skart u l-uniformijiet. Il-membri approvaw.

*Il-Viċi Sindku Steven Axisa telaq mil-laqgħa.*

3. **<u>Korrispondenza</u>**

3.1. Ittra mill-MCA dwar *sponsorship* li kien qed isir mill-*Banif Bank* għas-servizz ta' Wifi fi Pjazza St. Ubaldeska li kien qed intemm. L-istess ittra titlob lil Kunsill iħallas is-somma ta' €370 fis-sena sabiex jerġa jibda jopera dan is-servizz. Is-Sindku fakkar li kien hemm talba mad-Dipartiment għal żewġ postijiet oħra. Il-membri qablu li għadna niċċekjaw dwar din it-talba qabel imexxu b'dan is-servizz.

3.2. Ittra mingħand it-TCTC sabiex isir kors tal-kompjuter għat-tfal fis-sajf għall-prezz ta' €1,150. Il-membri approvaw sakemm l-ammont ta' studenti ikun aktar minn 25 persuna.

3.3. Talba għar-rifużjoni ta' spejjeż marbuta ma' ħsara li sargħet fuq vettura wara inċident li seħħ kawża ta' ħofra li kienet tinsab fi Triq Prinċipessa Marija. Il-membri approvaw li titħallas il-ħsara ta' €170 wara li evalwaw id-dokumenti kollha preżentati.

3.4. Ittra mingħand il-Kuntrattur ta' GreenPak li jaħdem fil-lokalita ta' Paola, Elton John Zammit, sabiex jistaqsi lil Kunsill kienitx deċiżjoni tal-Kunsill li huwa jitwaqqaf milli jagħmel dan ix-xogħol mal-iskema GreenPak. Hawnhekk is-Sindku qal li huwa kien qed jirċievi diversi ilmenti dwar l-operat tal-ġbir ta' Skart riċiklabbli u kien jgħaddi kollox lill-iskema u kompla billi kien jitlob lill-iskema biex tirranġa l-operat tal-kuntratturi. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm bosta ilmenti anke fuq il-ġbir tal-ħġieġ. Wara diskussjoni il-membri qablu li għandom jitolbu lill-iskema sabiex terġa tikkunsidra id-deċiżjoni li kienet ħadet fil-konfront tal-kuntrattur Zammit fid-dawl li din ma kienitx deċiżjoni tal-Kunsill.

4. **<u>Tindif tas-Suq u Latrini</u>**

4.1. Is-Sindku informa lil membri illi fl-aħħar laqgħat kienet ġiet diskussa il-possibilità illi jingħata servizz lil Kunsill b'rabta mat-tindif tal-latrini kif ukoll tat-tindif tas-suq mid-Direttorat għat-tindif. Is-Sindku kompla li huwa kien talab direzzjoni dwar dan mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ġie infurmat li l-Kunsill ma jkunx qed jopera f'parametri legali jekk jaħdem hekk. Għaldaqstant huwa kien iltaqa' mal-kuntrattur tal-knis fejn ġie maqbul kif ser jitnaddaf is-suq anke bl-użu ta' sapun kif meħtieġ.

4.2. Dwar l-operat tal-latrini is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li fid-dawl li sakemm il-latrini jittieħdu mill-istat mhux possibbli li jitħaddmu mid-Direttorat għat-tindif, huwa qal li sar xi xogħol mill-ħaddiema tal-Kunsill fil-latrina ta' Ġnien Pawlu Boffa u l-ftuħ u t-tindif tagħha kien qed isir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali Paola. Is-Sindku kompla billi qal li fid-dawl ta' dan hemm bżonn li jitħallas *overtime* lil ħaddiema tal-iskemi sabiex il-latrina tinfetaħ, titnaddaf u tingħalaq fi tmiem il-ġimgħa. L-ispiża totali m'għandiex tkun aktar minn €2,000 sal-aħħar tas-sena. Il-membri approvaw.

4.3. Dwar il-latrina taċ-Ċimiterju is-Sindku talab lil Ministeru tas-Saħħa sabiex din titmexxa mill-istess Ministeru fid-dawl li din tinsab fid-daħla ta' propjetà immexxija mill-Ministeru.

## 5. Staff

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi huwa kien beda ix-xogħol fid-dawl tal-vakanza tal-impjegat Anthony Gatt. Wara li intalbet id-direzzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, l-istess Dipartiment ippropona lil Kunsill li tinħareġ sejħa għall-impjegat fi Skala 16 bħala Supervisor. Il-membri approvaw li jibda l-proċess kif approvat mil-ETC.

## 6. Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-xogħol

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi uffiċjali tal-Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-xogħol għamlu spezzjoni fil-Kunsilli Lokali fejn dawn issuġerixxu bosta affarijiet fosthom li l-ewwel pass li għandu isir ikun dak li isir Risk Assessment. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li dan jiswa madwar Euro175. Il-membri qablu li dan għandu isir.

## 7. Sejħiet għall-Offerti

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi fid-dawl ta' dak li kien diskuss fl-aħħar laqgħa b'rabta mal-kuntratt ta' *Ell's Urban Services,* huwa kien ra sewwa il-kuntratt fejn kien hemm ukoll bażi sabiex dan il-kuntratt jitwaqqaf fid-dawl tad-diversi talbiet tal-Kunsill biex issir ix-xogħol liema xogħol qatt ma spiċċa sar. Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv kompla illi ser isir ix-xogħol sabiex tinħareġ sejħa għal-xogħol ta' bankini u patching kif maqbul fl-aħħar laqgħa.

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-rapport ta' Evalwazzjoni b'rabta mas-Sejħa għall-offerti ta' ġbir ta' skart goff. Il-membri approvaw ir-rapport u qablu li dan il-kuntratt jingħata lil Saviour Mifsud għall-prezz ta' €2.30 kull dar (prezz bla vat) dejjem sakemm ma isir l-ebda appell.

7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi hemm il-ħtieġa li jinħatar Kumitat għall-Evalwazzjoni tal-Offerti bis-sistema tal-EPPS b'rabta mal-offerti tas-servizz ta' *Accountant.* Wara diskussjoni il-membri qablu li dan il-kumitat ikun magħmul kif ġej:

Chairperson (ESR)-Dominic Grima
Segretarju tal-Bord - Kurt Scerri
Evalwatur (ES)-Roderick Spiteri
Evalwatur (ES)-Bernard S. Lynch
Evalwatur (ES)- Steven Axisa jew Ivan Bartolo skond min ikun jista'

7.4. Is-Segretarju eżekuttiv informa lil membri illi kien sar ix-xogħol fuq it-tender tal-ironmongery sabiex tkun tista' toħroġ is-sejħa għall-offerti. Il-membri approvaw li toħroġ is-sejħa bil-baġit totali ikun dak ta' €65,000 għal erba' snin

## *8. Quaterly report*

8.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-rapport ta' kull kwart għall-aħħar kwart tas-sena. Il-membri approvaw.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

9.1. Is-Sindku informa lil membri illi tkompla ix-xogħol tal-bankini fi Triq Żabbar mill-impjegati tal-Kunsill liema xogħol kellu jitwaqqaf fid-dawl ta' problemi tas-saħħa tal-impjegat tal-Kunsill Anthony Gatt. Għaldaqstant is-Sindku qal li kellu jitkompla ix-xogħol *b'direct order.* Huwa kompla li qal li qed jistenna stimi sabiex anke isir parkeġġ kif approvat fil-Kunsill fil-parti ta' Triq Żabbar kantuniera ma' Triq San Franġisk.

9.2. Is-Sindku informa lil membri illi kien ser jitqassam *flyer* bl-awgurju tal-Għid, dettalji tax-xogħol li qed isir mill-Kunsill kif ukoll bid-dettalji tal-attivitajiet li qed jorganizza l-Kunsill Lokali Paola. Il-Kunsillier Seychell qal li għandu joħroġ ukoll flyer bil-ħinijiet li fih jinġabar l-iskart fil-lokalita.

9.3. Is-Sindku informa lil membri illi bħal ma sargħet pressjoni fuq Triq Ħal Luqa qed issir ukoll pressjoni sabiex tinbena mill-ġdid Triq il-Baċir u Triq il-Prinċipessa Marija. Kompla billi qal ukoll li qed jagħmel pressjoni ma' Transport Malta sabiex ma jsirx ħruġ ta' trailers għar-roundabout minn Triq l-Isqof Buhagiar.

**10. <u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri</u>**

10.1. Il-Kunsillier Lynch informa lil membri li kien tkompla ix-xogħol fuq il-camera ta' *Skyline webcams* li ser titpoġġa fil-pjazza fuq il-bini tal-Vodafone. Kompla li fadal biss li jkun provdut l-internet għall-camera.

**11. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>**

11.1. Il-Kunsillier Seychell xtaq jistaqsi dwar il-pagament tal-iskips. Is-Sindku informa lil membri li huwa kien tkellem mal-kuntrattur u fadal biss tlett skips fil-lokalita u qed jitħallsu bir-rati li hemm fit-tender. Il-membri qablu għandna naraw kif u fejn qed jintużaw dawn l-iskips sabiex jekk possibbli din l-ispiża tonqos.

11.2. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 27 għas-somma ta' €43,753.27

**12. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

12.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:25pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 29 ta' Marzu 2017.

Konfermati, illum-Erbgħa 26 ta' April 2017

| | |
|---|---|
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |